Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2003

Numru 672/1998

**PULIZIJA**
**SPETTUR ALESSANDRA MAMO**

**VS**

**GEORGE FAENZA**
**JOSEPH FAENZA**
**RODRICK FARRUGIA**

Illum 28 ta’ Ottubru 2003.

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra George Faenza ta’ 48 sena, bin Paul u Helen nee’ Bonnici, imwieled Qormi fit-2 ta’ Marzu 1954 u residenti Ponzetta, Triq il-Helsien, Qormi, detentur ta’ karta ta’ l-Identita’ bin-numru 25554 (M);

U kontra Joseph Faenza ta’ 47 sena, bin Paul u Helen nee’ Bonnici, imwieled Qormi fl-14 ta’ Marzu 1955 u residenti Quil, No. 31, Wileg Rd., Bugibba, detentur ta’ karta ta’ l-identita’ numru 258455(M);

U kontra Rodrick Farrugia ta’ 24 sena, bin Charles u Giovanna nee’ Falzon, imwieled il-Pieta’ fis-27 ta’ April 1978 u residenti Madonna tat-Triq, Triq ta’ Mellu, Mosta, detentur ta’ karta ta’ l-Identita’ numru 229578 (M);

Talli f’dawn il-Gzejjer f’dawn l-ahhar snin, b’diversi atti, maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

a. appropjaw ruhhom billi dawwru bi profitt ghalihom jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilhom taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe’ appropjaq ruhhom minn flejjes u oggetti ohra li jammontaw ghal aktar minn Lm5,000, liema flejjes u oggetti ohra kienu, liema flejjes u oggetti ohra kienu ta’ Carmelo Sultana u Sultana Auto Parts, liema flejjes u oggetti ohra kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilhom taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd jew li jsir uzu specifikat, meta l-imsemmija flejjes u oggetti kienu gew fdati lilhom minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni u kariga jew servizz taghhom, jew minhabba depositu necessarju;

b. b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqlu tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh ta' aktar minn Lm5,000 ghad-dannu ta' Carmelo Sultana, Sultana Autoparts u persuni ohra;

c. Talli kkommettew serq ta' flus u diversi oggetti ohra ta' parts ta' karozzi u affarijiet ohra minn Sultana Autoparts ta' Hal Qormi, liema serq ammontaw ghal aktar minn Lm5,000, liema serq hu aggravat bil-persuna u bil-valur;

d. xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahhlu biex ibieghom jew imexxuhom.

Wara li rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali li jgib id-data tas-26 ta' Awissu, 1999;

Wara li rat l-Artikoli 18, 293, 294, 308, 309, 261(d)(c) 268, 279, 280 u 334 tal-Kodici Kriminali;

Ikkunsidrat:

Illi in sostenn ta' l-allegazzjonijiet taghhom, il-Prosekuzzjoni tghellet in xhieda Neville Baldacchino u Paul Valletta, zewgt ihbieb ta' l-imputati ahwa Faenza.

Illi x-xhieda ta' Baldacchino u Valletta tikkonsisti f'elenku ta' serqiet zghar, xi sealers, tornaviti, tapes eccetera, effetwati mill-imputat George Faenza ghad-dannu ta'

Carmelo Sultana, liema serqiet gew, allegatament, allevati bil-komplicita' ta' l-imputat l-iehor Rodrick Farrugia, li, fiz-zmien kien impjegat ta' l-istess Sultana u li kien jghin lil dana l-istess Sultana u li kien jghin lil dana l-istess Sultana wara is-serving counter tal-hanut ta' l-ispare parts tal-karozzi gestit mill-kwerellant Sultana.

Illi Baldacchino u Valletta wkoll allegaw, illi l-imputat George Faenza, bil-komplicita' ta' Rodrick Farrugia, kien, illegalment jipposessa ruhhu minn ktieb abjad, proprjeta' ta' Sultana, li fih Sultana kien izomm rendikont dettaljat tal-bejgh tieghu. Skond dawn ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, wara illi l-imputat George Faenza kien jisraq dana l-ktieb mill-hanut ta' Sultana billi jahbieh taht hobbu, kien jiehdu l-hanut tieghu fejn hu u huh, l-imputat Joseph Faenza, kienu jalteraw l-entries imnizzla minn Sultana bhala ammonti dovuti minnhom ghal xoghol specifiku minnhom mehud, billi bhal ma kien jaghmel Sultana stess fuq dawk l-entries minnhom imhallsa, huma jisgassawhom b'zewg linji paralelli u jiktbu l-kelma "paid". Wara, dina l-operazzjoni kienet tkun lesta, l-imputat George Faenza kien allegatament, jirritorna l-ktieb lura lejn il-hanut ta' Sultana, dejjem il-ktieb mohbi taht hobbu. B'hekk, l-ahwa akkuzati Faenza, kienu jiffrankaw milli jhallsu dak l-entry sgassati minnhu.

Illi in sostenn ta' dina x-xhieda hekk importani, il-konfort tax-xhieda ta' mart il-kwerellant, Nora Sultana, hija evidenti. Skond Nora Sultana, hija rat lill-imputat George Faenza jirritorna lura dan il-ktieb f'postu fil-hanut ta' zewgha, wara li hargu minn habi ta' hobbu.

Illi s-Sinjura Sultana, insospettita, kienet hadet l-abitudini li tiehu fotokopja tal-ktieb tal-hanut tar-ragel, u, allura, kienet fil-posizzjoni, f'daqqa ta' ghajn, tara jekk "entry" partikolari kienetx verament imhallsa jew le, stante illi jekk dik l-"entry" partikolari kienet markata bhala "paid" fil-ktieb originali izda tidher bhala mhux imhallas fil-kopja

fotokopjata, dak kien ifisser ghalihom illi l-entry fil-ktieb originali kien ikun imbaghbas.

Illi, skond Nora Sultana, huma sabu numru sostanzjali ta' "entries" hekk imhassrin, u cioe' "entries" maghmulha minn Sultana fil-ktieb tieghu ta' ammonti diversi lilu dovuti mill-ahwa Faenza kull entry, bicca xoghol indipendenti u allegatament imhassra mill-ahwa Faenza, bil-komplicita' ta' Roderick Farrugia, permezz ta' zewg linji paralelli u l-kelma "paid".

Illi, oltre dawn ix-xhieda, il-Prosekuzzjoni ipproduciet it-testimonjanza ta' diversi ufficjali tal-Pulizija li kellhom parti integrali fl-investigazzjoni ta' dan il-kaz.

Sostanzjalment, dan huwa l-kaz ipprezentat mill-Prosekuzzjoni, hlief ghal zewg fatturi ohra importanti u cioe':

i) L-istqarrija volontarja ta' Roderick Farrugia li fiha huwa jammetti kategorikament, is-sehem u partecipazzjoni tieghu fl-allegat incident;

ii) Ir-rapport tekniku ta' l-espert kaligrafu, Joseph Gaffiero, li jikkonkludi, wara illi ghamel ezami ta' komparazzjoni bejn il-kelma "paid" misjuba fuq il-ktieb ta' Sultana izda, kategorikament, mhux miktuba minn Sultana u bejn kampjuni moghti mit-tlett imputati fejn, f'dana r-rapport huwa, jeskolpa kompletament lill-imputati Joseph Faenza u Roderick Farrugia bhala l-persuni li kitbu din il-kelma "paid", u jikkonferma illi l-imputat George Faenza seta' kien l-uniku imputat illi seta' ghamel jew kiteb dik il-kelma "paid", ghaliex il-kitba tieghu hija wahda simili ghal dik il-kaligrafija.

Illi d-difiza, pero' irnexxielha ggib argumenti kontrarji sostanzjali:

i) Irnexxielha tipprova illi l-imputat Roderick Farrugia seta' kien sforzat illi jaghmel dik l-istqarrija volontarja, mhux mill-Pulizija izda minn Sultana stess, illi irrifjuta illi jiffirma l-ktieb tax-xoghol ta' Farrugia bil-konsegwenza illi holoqlu problemi kbar biex huwa jerga' jsib xoghol. Dan kollu jista' jkun illi kellu effett fuq l-imputat Rodrick Farrugia li jaghti l-versjoni tal-fatti kif tahhom, sabiex jehles mill-pressjoni zejda li huwa qieghed jghid li kien qieghed jezercita' fuqu l-kwerellant Sultana u jerga' jsib xoghol skond il-Ligi u bil-work book in ordni. – Vide xhieda missier Roderick Farrugia.

ii) Simon Spiteri, xhud tad-difiza, illi l-kont tieghu direttament ma' Sultana, kien wiehed markat mill-kwerellanti Sultana bhala "entry" imbaghbas minn Faenza u konsegwentement, mhux imhallas. Simon Spiteri, xhed illi huwa kellu zewg pendenzi zghar ma' Sultana li hallashom, personalment lil Sultana, permezz ta' pagament wiehed u ghal liema pagament Sultana innifsu sgassa d-debitu permezz tal-kelma "paid" fuq il-ktieb tieghu. Sultana jammetti, sussegwentement illi l-kelma "paid", in relazzjoni ma' dan il-kaz, kienet miktuba minnhu.

iii) It-tieni rapport tal-espert tal-kaligrafija, Joseph Gaffiero, illi jispjega lill-Qorti illi, meta huwa ghamel l-ewwel rapport tieghu, huwa ha in konsiderazzjoni t-tlett imputati biss u l-ezami komparattiv sar mill-kaligrafija ta' dawn it-tlett min-nies. Hadd ma qallu, jew hu qatt ma' mmagina li kellu jsir ezami wkoll ta' komparazzjoni bejn is-samples provduti u l-kitba tal-kwerellant Sultana, il-bniedem li normalment kien jimla l-entry forms, li wkoll kien jimla dak il-ktieb. Wara li sar dana l-ezami pjuttost importanti, l-espert sab illi l-kelma "paid" allegatament falsifikata setghet giet miktuba sia mill-imputat George Faenza kif ukoll mill-kwerelant Carmelo Sultana li milli jidher, ghandhom kitba hafna simili.

Maghmula dawn il-kostatazzjonijiet, dina l-Qorti ghandha tghaddi ghas-sussegwenti konkluzzjonijiet.

i) Illi l-allegazzjonijiet maghmula mix-xhieda, Baldacchino, Valletta u konjugi Sultana, jistghu ma' jkunux veritjeri, stante illi jezisti almenu kaz fejn dawn l-allegazzjonijiet saru infondatament.

ii) Illi l-ezami tekniku ta' kaligrafija ma' wassal ghal ebda konkluzzjoni posittiva hlief illi definittivament jeskolpa lill-konvenuti Joseph Faenza u Roderick Farrugia minn kwalunkwe htija ta' frodi izda mhux ta' komplicita', u illi l-partecipazzjoni ta' l-imputat l-iehor George Faenza hija, pjuttost dubbjuza.

iii) Illi l-ammissjoni volontarja ta' Rodrick Farrugia fl-istqarrija tieghu ma' l-awtoritajiet investigattivi, setghet kienet instigata minn theddid jew xi forma ohra ta' pressjoni min-naha ta' l-istess kwerelant, Carmelo Sultana.

Ghal dawn il-motivi, u wara illi din il-Qorti tinnota illi qeghdin fil-kamp kriminali, fejn ic-certezza hija regola, dina l-Qorti qeghda tillibera lill-imputati, mill-imputazzjonijiet lilhom addebitati mill-Prosekuzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------